MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 345/2002/1

**Joseph Baluci**

**vs**

**Bernardine sive Bernie Mizzi ezercitanti l-kummerc taht l-isem**
**St. Martin's College**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-26 ta' Marzu, 2002, li in forza taghha, wara li eccepixxa illi:

Permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Lulju, 2000 ffirmat bejn l-attur u l-konvenuta Bernie Mizzi *in rapprezentanza* ta' St. Martin's College, l-attur kellu jaghti s-servizzi tieghu bhala *full time teacher* ghal zmien determinat ta' sentejn b'effett

mit-18 ta' Settembru, 2000 u dana kif jirrizulta mill-anness Dok A;

Il-konvenuta *nomine* unilateralment u minghajr il-kunsens tal-attur itterminat l-imsemmi kuntratt fl-14 ta' Settembru, 2001 u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Dan l-agir dapparti tal-konvenuta jammonta ghall-ksur tal-obligazzjonijiet kuntrattwali assunti permezz tal-imsemmi kuntratt Dok A mill-istess konvenuta;

Ghalhekk l-ammont ghall-perjodu bejn Settembru 2001 u Awissu 2002 ta' salarju, *bonus* u kontribuzzjonijiet dovuti lill-attur *ai termini* tal-imsemmi kuntratt Dok A huma dovuti lill-attur;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-kuntratt ta' servizzi ghall-zmien determinat Dok A gie terminat unilateralment mill-konvenuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames t'elef sitt mija u tmienja u disghin lira (Lm5,698) rapprezentanti sena salarju, *bonus* u kontribuzzjonijiet dovuti lill-attur *ai termini* tal-kuntratt Dok A ghall-perjodu bejn Settembru 2001 u Awissu 2002.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 17 ta' Settembru, 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' din l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li *in forza* taghha eccepiet illi;

Ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi l-attur kellu jirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali li ghandu kompetenza esklussiva biex jiddeciedi kazijiet ta' tkeccija mill-impieg allegatament ingusti meta l-kaz

jikkoncerna kuntratt ghal zmien indefinit u dan *ai termini* tal-Kap 266.

Sekondarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari dan mhux kaz ta’ tkeccija ingusta *stante* illi l-attur kien accetta impieg alternattiv b’dan illi l-kuntratt li qed jibbaza ruhu fuqu kien xjolt u l-partijiet bdew relazzjoni gdida, liema relazzjoni ma tkomplietx wara li l-attur stess ghazel li ma jkomplix.

Fil-mertu u wkoll minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-pretenzjonijiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-konvenuta kienet gustifikata li timxi mieghu kif mxiet kif jigi spjegat aktar fid-dettal waqt is-smiegh.

Finalment, anke jekk din l-Onor. Qorti ssib favur l-attur fuq il-merti tal-kaz, l-ammont pagabbli lilu hu limitat *ai termini* ta’ l-Art 34 (11) tal-Kap 135.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta’ Lulju, 2003, li *in forza* taghha, wara li ddikjarat li l-kuntratt ta’ impieg *in kwistjoni* kien wiehed ghal zmien definit, cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u ddikjarat li din il-Qorti hi kompetenti biex tkompli tisma’ u tittratta l-kaz; l-ispejjez ta’ din id-decizjoni jkunu *a karigu* tal-konvenuta;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur f'din il-kawza huwa ghalliem bi professjoni, u wara li ghalaq il-65 sena u rtira mill-ingagg li kellu mal-Kullegg ta' San Alwigi, dahal f'kuntratt mal-Kullegg ta' St. Martin biex jghallem il-Malti fuq bazi *full-time*. Dan il-kuntratt gie iffirmat fil-25 ta' Lulju, 2000, u kien b'effett mit-18 ta' Settembru, 2000. Gia gie decis li l-kuntratt *in kwistjoni* kien wiehed definit ghal-sentejn. Peress li l-attur hadem ghal sena wahda biss, u l-impieg tieghu gie, wara dik l-ewwel sena, terminat, qed jitlob li jithallas is-salarju tat-tieni sena u dana peress li, skond hu, l-Kullegg ma kienetx gustifikata li ttiterminalu l-impieg wara l-ewwel sena. Il-konvenuta, min naha l-ohra, ittenni li, wara l-ewwel sena, il-kuntratt kien gie xolt bi qbil bejn il-partijiet *stante* li l-attur kien accetta impieg alternattiv. Hi tghid ukoll li dan l-arrangament sehh peress li l-attur naqas fil-*performance* tieghu f'certi aspetti.

Qabel ma' l-Qorti tghaddi biex tittratta l-meritu tal-kaz, tirrileva li hi taqbel mal-ahhar eccezzjoni tal-konvenuta, fis-sens illi f'kaz li din il-Qorti issib favur l-attur, ir-rimedju mhux li jiehu s-salarju, *bonus* u kontribuzzjonijiet dovuti lill-attur kieku hadem ukoll it-tieni sena, kif qed jippretendi l-attur, izda, darba li l-kuntratt ta' impieg kien ghal-zmien definit, li jiehu *"nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem"* – artikolu 34(11) tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta), li hi l-ligi applikabbli ghal dan il-kaz. La darba l-paga tal-attur kienet miftiehma li tkun Lm4,800 fis-sena, huwa nofs din il-paga li l-attur ikun jista' jiehu f'kaz li l-impieg tieghu ikun gie terminat minghajr gusta kawza. Il-ligi, f'dan il-kuntest, ma ssemiehx *bonuses* jew hlasijiet ohra, izda tillimita l-kumpens ghal-nofs il-paga, u *kwindi* l-kumpens dovut jkun biss ta' Lm2,400, u mhux kif mitlub.

Ghar-rigward tal-meritu tal-kaz, l-Qorti tara li l-konvenuta ma irnexxielix tipprova l-allegazzjonijiet taghha li l-kuntratt tal-25 ta' Lulju, 2000, kien gie mhassar mill-partijiet u li l-*performance* tal-attur ma kienx kif mistenni. Fuq l-ewwel materja, il-konvenuta tghid li wara li spiccat l-ewwel sena, sar qbil bejniethom li l-ingagg tal-attur mal-Kullegg ma jkunx aktar regolat bil-kuntratt iffirmat, izda

jkun wiehed ta’ ingagg *part-time*. L-attur stqarr li, wara li kienet spiccat l-ewwel sena, hu kien gie avvicinat mill-konvenuta u din issuggerit li ghas-sena skolastika ‘l gdida, l-ingagg tieghu ikun biss fuq bazi *part-time*, u dana peress li l-Kullegg kellu problemi finanzjari u ma setax ihallsu l-paga miftiehma. L-attur wegibha li hu ma riedx jaccetta impieg fuq bazi *part-time* u dana peress li kien dahal f’certu *commitments* bazati fuq id-dhul li kellu garantit ghal dawk is-sentejn. Hu kien anke ikkonsulta ruhu mal-*Malta Union of Teachers* dwar jekk il-konvenuta kellhiex dritt tbiddel l-impieg tieghu minn wiehed *full-time* ghal-wiehed *part-time*, u wara li kien inghata parir li hu kellu dritt jinsisti ghal-sena ohra fuq bazi *full-time*, hu informa lill-konvenuta li ried jaghmel dik is-sena ‘l gdida fuq bazi *full-time* jew xejn. Il-konvenuta, hawnhekk, qaltlu li seta’ ma jkomplix jghallem jekk mhux fuq bazi *part-time*, u l-attur waqaf jattendi l-iskola. B’dak li indirizzat lill-attur, il-konvenuta effettivament itterminat l-impieg tal-attur.

Il-konvenuta tghid li l-attur kien accetta li jahdem *part-time*, tant li, fil-bidu tat-tieni sena skolastika, l-attur kien attenda l-iskola. L-attur, *pero’*, spjega illi wara li kienet kelmitu l-konvenuta u hu qalilha li ma jaccettax jahdem fuq bazi *part-time*, kien ircieva ittra minghandha fejn fiha bghatitlu l-*performance bonus* u qaltlu li f’Settembru tal-2001 kienet se tibghatlu l-*increment*. Meta ircieva din l-ittra, u ra li fiha ma ntqal xejn dwar is-sena ‘l gdida, hu haseb li kollox kien se jimxi skond in-normal, u meta bdiet it-tieni sena hu mar lura ghax-xoghol. Meta dahal lura ghax-xoghol, il-konvenuta regghet qaltlu li ma setghetx timpjegah *full-time*, u l-attur, allura, waqaf li jattendi l-iskola.

Il-Qorti tqies li ghandha taghti affidament lit-tezi tal-attur fis-sens li hu qatt ma accetta impieg gdid fuq bazi *part-time*. Meta kien hemm nuqqas ta’ ftehim dwar is-sena ‘l gdida, l-attur, wara li ircieva l-ittra tat-30 ta’ Awissu, 2001, kien gustifikat jahseb li kollox baqa’ kif originarjament miftiehem. Il-konvenuta talbitu jahdem *part-time*, u hu ma accettax. Wara ircieva ittra bil-hlas tal-*bonus* u li l-*increment* dovut kien se jiehdu mal-paga ta’ Settembru. Hu haseb li, allura, kollox se jibqa’ ghaddej bhas-soltu u

mar lura ghax-xoghol. Meta l-konvenuta irrimarkatlu li l-impieg tieghu ghal dik is-sena 'l gdida kellu jitqies li kien se jkun fuq bazi *part-time*, hu ma ressaqx lura ghax-xoghol. Bl-ebda mod, dan l-agir tal-attur, ma jista' jinftiehem li hu accetta li jahdem fuq bazi *part-time*, u c-cirkustanzi tieghu, kif spjegati, jimillitaw kontra li hu accetta li jahdem fuq bazi *part-time*. Hu principju assodat fil-gurisprudenza, li *"la rinunzia non se presume e dev'essere concludentemente provata, se e' tacita. Deve sorgere da un fatto chiaro e evidente, che includa necessariamente la intenzione di rinunciare e che non possa prestarsi ad altra interpretazione, o ingenerate qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante"* ara "Mace Development Ltd vs Ramla Development Ltd", deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 2004. F'dan il-kaz, ma jirrizultawx dawn ic-cirkustanzi.

Dwar il-*performance* tal-attur, ma jirrizultax lanqas li kien hemm xi mankanzi f'dan ir-rigward. Hu wera li, bit-taghlim tieghu, kienet l-ewwel darba li studenti ghaddew minn *paper A* tal-Malti, u matul is-sena skolastika li haddem fiha, mhux biss qatt ma ircieva ilmenti minghand il-*Principal*, izda kien gie infurmat li waqt *Parents' Day*, l-istess genituri urew li kienu kuntenti bit-tghalim tieghu. *Inoltre*, fl-ittra li l-attur ircieva bid-data tat-30 ta' Awissu, 2001, minghand il-*Principal*, mhux biss ircieva il-*performance bonus*, izda gie mizjud *"Well done. It is a pleasure having you as a member of our team"*.

Il-Qorti, ghalhekk, tara li l-konvenuta ma ippruvatx l-allegazzjoni taghha li hi kienet gustifikata tittermina l-impieg tal-attur, u l-istess attur, allura ghandu dritt li jinghata lilu l-kumpens kontemplat fil-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta hlief ghal-ahhar wahda, u wara li tilqa it-talbiet tal-attur, tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm2,400 (elfejn u erba' mitt lira Maltin), peress li l-kuntratt ta' impieg definit gie terminat minghajr gusta kawza, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, *cioe'*, mit-18 ta' April, 2002, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza hlief ghal dawk gia decizi, peress li l-attur talab hafna aktar minn dak li kien intitolat ghalih skond il-ligi, jithallsu kwantu ghan-nofs (½) mill-attur, u kwantu ghan-nofs (½) l-iehor mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------